# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 29 ta' Novembru 2017

**Kawża Nru: 9**

**Rikors Ġuramentat Nru: 568 / 10 JA**

**Barjola (Real Estate) Limited**

**-vs-**

**Carmelo Tanti u martu Theresa Tanti**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mis-soċjeta' attriċi fit-3 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenti hija proprjetarja tal-garaxx internament markat bin-numru 1, u formanti parti minn kumpless ta' bini, bla numru u jismu 'Cassar Buildings', fi Triq il-Barjola, Gudja, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

Illi dan l-aħħar l-esponenti saret taf li l-intimat Carmelo Tanti deher f'isimha fuq kuntratt pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fl-20 ta' Mejju 2009 li permezz tiegħu trasferixxa l-imsemmi garaxx favur tiegħu nnifsu personalment allegatament *'a saldu ta' kull bilanċ lilu dovut mill-kuntratt ... tad-29 ta' Settembru 2004 kif estiż diversi drabi'*.

Illi dan it-trasferiment jinsab reġistrat fir-Reġistru Pubbliku fil-Volum ittra 'I' bin-nota tal-insinwa numru 1189/2009 bħala 'Trasferiment in piena u assoluta proprjeta' sar minn Barjola (Real Estate) Limited numru tar-reġistrazzjoni C17670 lil Carmelo Tanti … b'titolu ta' *datio in solutum* ...'

Illi l-esponenti skopriet ukoll li l-istess intimat Carmelo Tanti deher ukoll fuq kuntratt ieħor pubblikat mill-istess Nutar Pierre Falzon fis-27 ta' Awwissu 2009, u filwaqt li rrefera għall-kuntratt imsemmi tal-20 ta' Mejju 2009, iddikjara li *'l-istess trasferiment sar b'titolu ta' datio in solutum'* u *'illi b'referenza għal ittra uffiċjali tal-erbgħa u għoxrin ta' April elfejn u erbgħa qed jiġi kanċellat stante li l-istess ittra kienet ġiet erronjament indikata'*.

Illi dan il-kuntratt jinsab reġistrat fir-Reġistru Pubbliku fil-Volum ittra 'I' bin-nota ta' insinwa numru 14490/2009 bħala *'Kuntratt Dikjaratorju magħmul minn Carmelo Tanti ... [li]*
*ddikjara illi l-istess trasferiment sar b'titolu ta' datio in solutum, kif ukoll ... illi r-referenza għal ittra uffiċjali tal-erbgħa u għoxrin ta' April elfejn u erbgħa ġiet kanċellata stante li l-istess ittra kienet ġiet erronjament indikata. Mill-bqija jiġi konfermat il-kuntratt ċitat tal-għoxrin ta' Mejju elfejn u disgħa (2009)'*.

Illi fil-kuntratt tal-20 ta' Mejju 2009, l-intimat Carmelo Tanti allega li kien awtorizzat mill-esponenti jidher f'isimha fuq dan l-att permezz, ta' riżoluzzjoni meħuda f'laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tagħha, allegatament miżmum fid-29 ta' Settembru 2004, u liema riżoluzzjoni tidher iffirmata minn Carmelo Cassar.

Illi kuntrarjament għal dak allegat, l-esponenti Barjola (Real Estate ) Limited qatt ma tat il-kunsens tagħha għal dan it-trasferiment tal-garaxx imsemmi, u *inoltre* qatt ma tat il-kunsens tagħha biex l-

intimat Carmelo Tanti jidher u jittrasferixxi f'isimha, favur tiegħu nnifsu fiż-żwieġ mal-intimata martu Theresa Tanti, dan il-garaxx.

Illi konsegwentement il-kuntratt fuq imsemmi tal-20 ta' Mejju 2009 li bih l-intimat Carmelo Tanti ttrasferixxa favur tiegħu nnifsu l-garaxx imsemmi, proprjeta' tal-esponenti, u l-kuntratt tas-27 ta' Awwissu 2009, ma jiswewx minħabba li huma neqsin minn kundizzjoni essenzjali sabiex ikunu jiswew.

Illi għaldaqstant hemm lok għar-rexxissjoni tal-imsemmija żewġ kuntratti, u għall-kanċellament tan-noti tal-insinwi fuq imsemmija bin-numri 11891/2009 u 14490/2009 rispettivament.

Illi l-esponenti diġa' interpellat lill-intimat Carmelo Tanti sabiex jersaq għall-kuntratt tar-rexxissjoni, u għalkemm l-istess intimat aċċetta li għandha ssir ir-rexxissjoni, huwa baqa' ma addivjeniex għall-kuntratt relattiv.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li tista' tirriżulta meħtieġa, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-esponenti qatt ma tat il-kunsens tagħha sabiex l-intimat Carmelo Tanti jidher f'isimha fuq kuntratt pubbliku sabiex jittrasferixxi favur tiegħu nnifsu l-garaxx fuq deskritt, Cassar Buildings, Triq il-Barjola, Gudja;

2. Tiddikjara li r-riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi annessa mal-kuntratt fuq imsemmi pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fl-20 ta' Mejju 2009 ma jiswiex;

3. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt fuq imsemmi pubblikat minn Nutar Pierre Falzon fl-20 ta' Mejju 2009 li bih l-intimat Carmelo Tanti ittrasferixxa f'isem l-esponenti, u favur tiegħu nnifsu, l-garaxx 1, Cassar Buildings, Triq il-Barjola, Gudja, huwa nieqes minn kondizzjoni essenzjali sabiex ikun jiswa, u għalhekk ma jiswiex;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi li anke l-kuntratt fuq imsemmi pubblikat mill-istess Nutar Pierre Falzon fis-27 ta' Awissu 2009 huwa nieqes minn kundizzjoni essenzjali sabiex ikun jiswa, u għalhekk ma jiswiex;

5. Konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-imsemmija żewġ atti pubblikati minn Nutar Pierre Falzon fl-20 ta' Mejju 2009 u fis-27 ta' Awwissu 2009 rispettivament;

6. Konsegwentement ukoll, tordna l-kanċellament tan-noti tal-insinwa fuq imsemmija bin-numri 11891/2009 u 14490/2009 rispettivament;

7. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt ta' rexxissjoni opportun f'dak il-jum, ħin u lok li din il-Qorti jogħġobha tiffissa għal dan l-iskop, u kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess kuntratt.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru ____/2010 preżentat kontestwalment, kontra l-intimati, li jibqgħu ingunti minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa mis-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fit-30 ta' Ġunju 2010 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi peress illi mhuwiex minnu illi s-soċjeta' attriċi ma tatx il-kunsens tagħha sabiex isir it-trasferiment tal-garaxx in kwistjoni a favur tal-esponenti;

2. Illi għal kuntrarju ta' dak allegat mis-soċjeta' attriċi, kien id-direttur stess tas-soċjeta' attriċi, Carmel Cassar, illi fil-preżenza tal-esponenti, tan-Nutar Dottor Pierre Falzon u Paul Tanti illi ffirma l-*'board resolution'* a fol. 8 tal-proċess u dana preċiżament sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment tal-garaxx a favur tal-esponenti, kontestwalment mal-iffirmar ta' kostituzzjoni ta' debitu *stante* flus illi l-esponenti kien ta b'self lis-soċjeta' attriċi;

3. Illi l-esponenti għamel użu mill-imsemmija *'board resolution'*, u ttrasferixxa l-proprjeta' tal-garaxx in kwistjoni fuq ismu *stante* illi s-soċjeta' attriċi naqset milli tonora l-ħlas lura tal-flus mislufa lilha mill-esponenti;

4. Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-firtt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi wkoll peress illi mhuwiex minnu illi l-atti ppubblikati nhar l-20 ta' Mejju, 2009 u nhar is-27 ta' Awwissu, 2009 huma nieqsa minn xi kundizzjoni essenzjali;

5. Illi konsegwentament ma jeżistux l-elementi meħtieġa mil-liġi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna r-rexxissjoni tal-atti in kwistjoni u dan kif ser jirriżulta aħjar matul it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Illi ulterjorment is-soċjeta' attriċi ma għandha ebda interess ġuridiku sabiex titlob ir-rexxissjoni tal-att ippubblikat nhar is-27 ta' Awwissu 2009, li huwa sempliċement att dikjaratorju illi sar mill-esponenti u illi s-soċjeta' attriċi ma kinitx parti għall-istess;

7. Illi l-kawża ntentata mis-soċjeta' attriċi ma hija xejn ħlief tentattiv sabiex tipprova teludi l-obbligi tagħha fil-konfront tal-esponenti;

8. Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' attriċi, lid-diretturi, azzjonisti u rappreżentanti tagħha huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Illi din il-kawża hija kollegata mal-kawża fl-ismijiet inversi u li qed tiġi deċiża llum ukoll.

Illi f'dik il-kawża, din il-Qorti laqgħet it-talbiet li huma l-istess bħal dawk tal-kawża odjerna, u għalhekk din il-Qorti filwaqt li tagħmel referenza għal dik is-sentenza tiddikjara li l-istess tagħmel parti minn din is-sentenza fejn hu meħtieġ.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni li tiddisponi ulterjorment, tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jkunu mħallsa mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**